

Brussell, 15 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10584/26

ENT 149
MI 640
COMPET 774
IND 416
SAN 481
ENV 739
DELECT 100

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3835 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'11.6.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi s-sistemi ta' valutazzjoni u verifika applikabbli għall-familji u kategoriji ta' prodotti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3835 final.

Mehmuż: C(2026) 3835 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.6.2026
C(2026) 3835 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.6.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
billi jistabilixxi s-sistemi ta' valutazzjoni u verifika applikabbli għall-familji u
kategoriji ta' prodotti**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dak ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jiddeterminaw għal kull familja ta' prodotti jew kategorija ta' prodotti s-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli fost dawk imsemmija fl-Anness IX ta' dak ir-Regolament. Dawn l-atti delegati jistgħu jiddeterminaw sistemi differenti ta' valutazzjoni u verifika fi ħdan l-istess familja ta' prodotti jew kategorija ta' prodotti, li jiddifferenzjaw skont il-karatteristika essenzjali jew ir-rekwiżit tal-prodott.

Il-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tas-sistemi ta' prestazzjoni stabbiliti fil-qafas regolatorju tar-Regolament (UE) Nru 305/2011² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huma analogi għas-sistemi ta' valutazzjoni u verifika skont ir-Regolament (UE) 2024/3110. L-applikazzjoni b'suċċess tagħhom turi li l-kompiti ta' parti terza stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 jikkostitwixxu bażi solida għall-istabbiliment tas-sistemi ta' valutazzjoni u verifika applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2024/3110. Dawn is-sistemi ġew żviluppati filwaqt li tqiesu l-użi maħsuba, il-ħsara potenzjali li tirriżulta minn nuqqasijiet tal-prodott, is-sensittività tal-prodott għall-varjazzjonijiet fil-prestazzjoni skont il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni, il-probabbiltà ta' żbalji matul il-manifattura tiegħu u l-possibbiltà li jiġu identifikati faċilment l-iżbalji fil-manifattura. L-istess prinċipji u punti ta' referenza huma applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2024/3110.

Huwa xieraq li l-att delegat jiġi adottat għall-familji kollha ta' prodotti f'att wieħed meta titqies il-ħtieġa li tinżamm il-konsistenza fost il-familji ta' prodotti u l-fatt li dawn għandhom jiġu ddeterminati qabel ma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u d-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni jsiru applikabbli. Dan huwa ta' rilevanza speċjali meta wieħed iqis li l-iżvilupp ta' dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni jsegwi d-domanda ta' manifattur, grupp ta' manifatturi, assoċjazzjoni ta' manifatturi jew il-Kummissjoni. Madankollu, l-indirizzar tal-familji kollha ta' prodotti ma jipprekludix il-ħtieġa li dan l-att delegat jiġi emendat kull meta jkun meħtieġ sabiex iwieġeb għal rekwiżiti speċifiċi identifikati mill-Grupp ta' Esperti tal-Acquis CPR.

Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 naqas milli jipprovdi att legali uniku li jistabbilixxi l-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tas-sistema ta' prestazzjoni 4 għall-karatteristiċi essenzjali meqjusa li jissodisfaw ċerta prestazzjoni mingħajr ittestjar jew mingħajr ittestjar ulterjuri. Din il-kwistjoni hija indirizzata mill-att delegat flimkien mad-dispożizzjonijiet orizzontali rigward il-karatteristiċi essenzjali ta' natura orizzontali deskritti fl-Anness X tar-Regolament (UE) 2024/3110.

F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011, is-sistema 3+ ta' valutazzjoni u verifika hija stabbilita għall-karatteristiċi essenzjali relatati mas-sostenibbiltà ambjentali. Skont l-istess approċċ, is-sistema 3 ta' valutazzjoni u verifika hija stabbilita għall-karatteristiċi essenzjali relatati mal-emissjoni ta' sustanzi perikolużi fl-arja ta' ġewwa u s-sistema 2+ ta' valutazzjoni u verifika hija stabbilita għall-karatteristiċi essenzjali relatati mar-rilaxx ta' sustanzi perikolużi fil-ħamrija u fl-ilma ta' taħt l-art. Fl-aħħar nett, is-sistema ta' valutazzjoni u verifika għall-karatteristika essenzjali "reazzjoni għan-nar" hija stabbilita skont il-kriterji diġà

¹ ĠU L, 2024/3110, 18.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3110/oj>.

² ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5–43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/305/oj>.

disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 minħabba l-ħtieġa li tinżamm l-istabbiltà regolatorja fid-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni ta' din il-karatteristika.

Il-karatteristiċi essenzjali li ma jaqgħux taħt il-kategoriji preċedenti jeħtieġu approċċ imfassal apposta skont il-familja ta' prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti rispettivi jeħtieġ li jimminimizzaw il-piż fuq il-manifatturi, filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-persuni u tal-ambjent.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-abbozz tar-regolament ġie mħabbar fil-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Acquis CPR fl-24 ta' April 2025, segwit b'konsultazzjoni bil-miktub tal-esperti bejn it-23 ta' Lulju 2025 u l-15 ta' Ottubru 2025. Qabel dan il-pass, l-Istati Membri kollha kellhom l-opportunità jinnominaw esperti biex jipparteċipaw. Minbarra dawn l-esperti, ġew ikkonsultati wkoll esperti esterni u partijiet ikkonċernati oħra.

Id-dokumenti rilevanti għall-konsultazzjoni ntbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess waqt, kif meħtieġ fil-Fehim Komuni dwar l-atti delegati. L-osservazzjonijiet ippreżentati f'dawn il-kuntesti tqiesu waqt it-tnejjija tal-abbozz sottomess għall-feedback pubbliku.

L-abbozz ta' regolament ġie ppubblikat għall-feedback tal-pubbliku fuq il-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar bejn l-10 ta' Diċembru 2025 u s-7 ta' Jannar 2026 u mibgħut għal kummenti għand il-Grupp ta' Esperti tal-Acquis CPR bejn is-7 ta' Jannar u l-21 ta' Jannar. Il-feedback miġbur ġie meqjus waqt it-tnejjija tal-verżjoni finali ta' dan l-att.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2024/3110, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dak ir-Regolament billi tiddetermina, għal kull familja ta' prodotti jew kategorija ta' prodotti, permezz ta' atti delegati, is-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli fost dawk imsemmija fl-Anness IX. Dawk l-atti delegati jistgħu jiddeterminaw sistemi differenti ta' valutazzjoni u verifika fi ħdan l-istess familja ta' prodotti jew kategorija ta' prodotti, li jiddifferenzjaw skont il-karatteristika essenzjali jew ir-rekwiżit tal-prodott.

Is-sistemi ta' valutazzjoni u verifika stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10(2) huma applikabbli għad-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 33(2) jew jistgħu jiġu adottati għal dan il-għan jekk ma jkunux disponibbli skont l-Artikolu 33(3).

Dan l-att delegat huwa meħtieġ li jistabbilixxi l-kompiti ta' parti terza li għandhom jitwettqu mill-korpi notifikati fir-rigward tal-valutazzjoni u l-verifika tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini u dawk relatati mal-issodisfar tar-rekwiżiti. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu implimentati kif xieraq id-dispożizzjonijiet simplifikati stabbiliti fl-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament (UE) 2024/3110 għall-prodotti meqjusa li jiksbu ċertu livell jew klassi ta' prestazzjoni mingħajr ittestjar jew kalkolu, jew mingħajr ittestjar jew kalkolu ulterjuri, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(6) tal-istess Regolament.

Dan ir-Regolament jikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan jiżgura l-kontinwità mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 305/2011 u r-Regolament (UE) 2024/3110.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'11.6.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi s-sistemi ta' valutazzjoni u verifika applikabbli għall-familji u kategoriji ta' prodotti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 305/2011³, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Meta jitqiesu s-sistemi ta' valutazzjoni u verifika stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2024/3110 u filwaqt li jitqies li għal kull familja ta' prodotti jew kategorija ta' prodotti, ir-Regolament (UE) 2024/3110 jeħtieġ l-istabbiliment tas-sistemi ta' valutazzjoni u verifika fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom u l-konformità mar-rekwiżiti tal-prodott, għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit liema sistema ta' valutazzjoni u verifika tapplika għal kull familja u kategorija ta' prodotti qabel ma jsiru applikabbli l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati li jistabbilixxu l-karatteristiċi essenzjali, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-prodott, jew id-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni.
- (2) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità mas-sistema regolatorja stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valutazzjoni u l-verifika tal-kostanza tas-sistemi ta' prestazzjoni stabbiliti skont dak ir-Regolament jenħtieġ li jitqiesu għall-istabbiliment tas-sistemi ta' valutazzjoni u verifika skont ir-Regolament (UE) 2024/3110 sa fejn iqisu l-użi maħsuba, il-ħsara potenzjali li tirriżulta min-nuqqasijiet tal-prodott, is-sensittività tal-prodott għall-varjazzjonijiet fil-prestazzjoni skont l-kundizzjonijiet tal-produzzjoni, il-probabbiltà ta' żbalji matul il-manifattura tiegħu u l-possibbiltà li jiġu identifikati faċilment l-iżbalji fil-manifattura. Jenħtieġ li sistemi ta' valutazzjoni u verifika jiġu mfassla skont il-familji ta' prodotti jew il-kategoriji ta' prodotti rispettivi u jenħtieġ li jimminimizzaw il-piż fuq il-manifatturi, filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-persuni u tal-ambjent.

³ ĠU L, 2024/3110, 18.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3110/oj>.

⁴ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/305/oj>.

- (3) Filwaqt li dan l-att delegat japplika għall-familji kollha ta' prodotti, jistgħu jkunu meħtieġa aktar emendi biex jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi identifikati matul l-iżvilupp ta' talbiet ta' standardizzazzjoni u Dokumenti Ewropew ta' Valutazzjoni (EADs).
- (4) Sabiex jitnaqqas il-piż fuq il-manifatturi li jibbenefikaw mill-implimentazzjoni ta' proċeduri simplifikati stabbiliti bir-Regolament (UE) 2024/3110, applikabbli għal karatteristiċi essenzjali meqjusa li jissodisfaw ċerta prestazzjoni mingħajr ittestjar jew mingħajr ittestjar ulterjuri, jenħtieġ li tapplika s-sistema 4 ta' valutazzjoni u verifika, irrispettivament mis-sistema normalment meħtieġa meta d-dispożizzjonijiet meqjusa bħala sodisfaċenti ma japplikawx.
- (5) Xi karatteristiċi essenzjali ta' natura orizzontali miġbura f'konformità mal-Anness X tar-Regolament (UE) 2024/3110 jenħtieġ li jkunu koperti minn sistemi ta' valutazzjoni u verifika irrispettivament mill-familja u l-kategorija ta' prodotti relatati. Dan l-approċċ jenħtieġ li jiġi implimentat għall-gruppi ta' karatteristiċi essenzjali "reazzjoni għan-nar", "prestazzjoni esterna f'każ ta' nar", "rilaxx u kontenut ta' sustanzi perikolużi" u "sostenibbiltà ambjentali".
- (6) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2024/3110, jistgħu jiġu stabbiliti sistemi differenti ta' valutazzjoni u verifika fi ħdan l-istess familja ta' prodotti jew kategorija ta' prodotti, skont il-karatteristiċi essenzjali speċifiċi jew ir-rekwiżiti tal-prodott. Għalhekk, jenħtieġ li s-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli tiġi indikata għal kull kategorija ta' prodotti, filwaqt li jitqiesu l-użi maħsuba u kwalunkwe rimarka addizzjonali meħtieġa biex tiġi żgurata interpretazzjoni korretta tal-kontenut tekniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Is-sistema ta' valutazzjoni u verifika stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandha tapplika għall-karatteristiċi essenzjali ta' prodotti speċifiċi li jitqiesu li jiksbu ċertu livell jew klassi ta' prestazzjoni mingħajr ittestjar jew kalkolu, jew mingħajr ittestjar jew kalkolu ulterjuri, f'konformità ma' att delegat adottat skont l-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) 2024/3110, dment li tiġi applikata d-dispożizzjoni meqjusa bħala sodisfaċenti stabbilita f'dak l-att delegat.
2. Is-sistema ta' valutazzjoni u verifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tipprevali meta l-istess karatteristika essenzjali tiġi stabbilita wkoll f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament. Meta l-għażla meqjusa bħala sodisfaċenti msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix applikata, is-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli għandha tkun dik stabbilita fl-Artikoli 2 u 3.

Artikolu 2

1. Is-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli għal xi karatteristiċi essenzjali ta' natura orizzontali miġbura f'konformità mal-Anness X tar-Regolament (UE) 2024/3110 għandha tkun is-sistemi ta' valutazzjoni u verifika stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
2. Is-sistema ta' valutazzjoni u verifika stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tipprevali meta l-istess karatteristika essenzjali tiġi stabbilita wkoll f'konformità mal-Artikolu 3.

Artikolu 3

Is-sistema ta' valutazzjoni u verifika applikabbli għall-karatteristiċi essenzjali u r-rekwiżiti tal-prodott għal kategorija speċifika ta' prodotti, filwaqt li jitqiesu l-użi maħsuba u kwalunkwe rimarka addizzjonali meħtieġa biex il-kontenut tekniku jiġi interpretat kif xieraq, għandha tkun is-sistemi ta' valutazzjoni u verifika stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11.6.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN